**“Maltija kienet l-ewwel kelma f’fommok”**

PROGRAMM

Innu Malti

Merħba

*Anton Falzon*

Diskors mill-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella

President ta’ Malta

Għana tal-Fatt

*Versi ta’ Charles Coleiro – Għana ta’ Ġużeppi Spagnol*

*akkumpanjat mill-kitarristi*

*John Grima u Kevin Spagnol*

L-Għanja tal-Imħabba

Dun Karm

*Taqra Karmen Azzopardi*

Għaliex? – Jedd il-Lsien Malti

Dun Karm

*Tkanta Dorothy Bezzina*

“Maltija kienet l-ewwel kelma f’fommok” – tassew?

*David Aloisio*

Diskussjoni

*Olivia Borg, Joseph Vella, Marita Cassar*

*Imexxi Dr Mario Cassar*

Int Ma Terġax

Dun Karm

*Tkanta Dorothy Bezzina*

Madre

Dun Karm

*Taqra d-Dott.ssa Ernestina Cassar Bernardele*

Għaliex – Jedd il-lsien Malti

*Dun Karm*

## L-IDENTITÀ TAL-POPLU MALTI FL-ILSIEN NAZZJONALI

"Maltija kienet l-ewwel kelma f'fommok"

Imnebbħa mill-poeżija ta' Dun Karm

Tagħrif minn Charles Coleiro għall-Għana tal-Fatt

Dun Karm ifakkarna li sa minn meta konna tarbija smajna l-ewwel kelma Maltija minn ġuf ommna. U l-kelma kibret magħna. Biha tkellimna waqt il-ferħ u biha tkellimna wkoll waqt in-niket tal-ħajja. Il-ġmiel tagħha jagħrafna minn pajjiżi oħra li ma kellhomx ix-xorti jitkellmu bil-lingwa tagħhom iżda kellhom jissellfu ta' ħaddieħor.

Dun Karm jgħallimna li nistgħu nħobbu lingwi oħra barranin iżda l-Malti jrid ikun l-ewwel fil-post li jixraqlu u qatt ma għandna niċċduh jew nibdluh ma' ilsna oħra barranin. Fl-istess ħin iċanfar lil kull min jiċħad dan il-wirt nazzjonali u jibdel il-Malti ma' kliem barrani. Jgħidilna, "Għaliex, Malti ħija, tiċħad il-kelma li biha tingħaraf li inti Malti?"

Dun Karm kien jgħożż dak kollu li hu Malti u jħobb dak li hu sabiħ iżda għal Art Twelidu kellu mħabba bla tarf kif kiteb, "Iżda daqsek lil ħadd, ...għax int biss ommi, int tajtni l-isem, u għadmek għadmi u demmek jiġri miegħi."

Għandna ngħożżu kliem Dun Karm biex tabilħaqq ikun jixirqilna meta fi kliemu stess insejħu lill-Art Twelidna, "l-omm li tatna isimha!"

## “Maltija kienet l-ewwel kelma f’fommok” – Tassew?

David Aloisio

Għadu kif għadda Ottubru, ix-xahar li fih twieled u miet Dun Karm, ix-xahar tal-poeta nazzjonali tagħna; kważi għaddew seklu u nofs minn twelidu u sittin sena minn mewtu. F’kommemorazzjonijet bħal dawn, it-tendenza komuni tkun li nħarsu lura b’taħlita ta’ nostolġija, ammirazzjoni u gratitudni biex infakkru l-atti fejjieda ta’ dawk il-personalitajiet kbar li fl-imgħoddi ħadmu qatigħ għall-ġid tal-lingwa u tal-letteratura Maltija. Filwaqt li nemmen bis-sħiħ li r-rispett fil-konfront ta’ nies kbar bħal Dun Karm huwa xieraq u jibqa’ dejjem bżonjuż, illum nistedinkom biex ma nħarsux lura biss ... ejja nistħajlu x’se tkun il-qagħda tal-lingwa u tal-letteratura Maltija fil-ġejjieni, sittin sena oħra ... jew seklu u nofs ieħor. Il-Malti se jkun qiegħed jiffjorixxi jew se nkunu qegħdin nikinsu l-irmied tiegħu?

Il-futur kaxxa magħluqa jew aħjar kaxxa bl-għatu xi ftit imbexxaq li jippermettilna nittawlu ftit biex nippruvaw naqtgħu x’hemm fiha. Il-qagħda preżenti tal-Malti tista’ toffri indikazzjonijiet pjuttost ċari ’l fejn mexjin. Għal xi wħud dawn l-indikazzjonijiet mhumiex allarmanti; għal oħrajn jistgħu jkunu kawża ta’ inkwiet u ansjetà. Is-sitwazzjoni plurilingwi ta’ bħalissa mhijiex bla preċedent fl-Istorja ta’ Malta. Matul l-elf sena ta’ eżistenza, l-ilsien Malti għex maġenb għadd ta’ ilsna oħrajn, ilsna barranin li ġew u marru. Il-Malti mhux biss irnexxielu jissopravvivi imma sakemm dawn l-ilsna kienu preżenti fi gżiritna assimila diversi elementi minnhom biex kompla jikber u jaġġorna ruħu. Illum il-ġurnata, l-għejun li l-Malti kien jixrob minnhom nixfu għajr għal għajn waħda: sal-lum il-Malti għadu jassorbi mill-Ingliż sabiex jibqa’ ħaj u utli. Dan l-aħħar il-Kunsill tal-Malti ħareġ bl-aġġornament li joffri gwida għaqlija dwar kif jinkiteb il-kliem li assimilajna u li għadna nassimilaw mill-Ingliż. L-attitudni addottata mill-Kunsill tawgura tajjeb għall-futur ta’ lsienna; hekk għandna garanzija li l-Malti ma jmutx imma jibqa’ prattiku u komdu għal min jitħaddet u jikteb bih.

Allura għandna nserrħu rasna? Kemm-il darba smajna l-avviż, fit-tmiem ta’ xi reklam tal-assigurazzjoni, li l-passat mhuwiex garanzija tal-futur. U naħseb li dan jgħodd għall-Malti wkoll. Xi drabi nserrħu wisq fuq x’għamel Mikiel Anton Vassalli, x’għamel Dun Karm, x’qegħdin jagħmlu l-kittieba, x’qegħdin jagħmlu tal-Kunsill tal-Malti u l-entitajiet l-oħra li kontinwament jiddefendu l-kawża ta’ lsienna. Imma forsi darament insaqsu x’qegħdin nagħmlu aħna bħala l-utenti ewlenin ta’ din il-lingwa. Qegħdin nippruvaw niktbu bil-Malti? Diversi ħbieb tiegħi jammettu b’dispjaċir li nsew kif jiktbu bil-Malti;

jgħiduli: "Għax il-Malti ma nużawhx fuq ix-xogħol." Imma nistgħu nużawh id-dar, mal-familjari? Għaliex meta niġu biex niktbu mqar kartolina naqilbu awtomatikament għall-Ingliż flok ma nużaw il-lingwa-omm biex nesprimu ġenwinament l-emozzjonijiet tagħna? Xi drabi nħoss li m'aħniex nagħmlu ħilitna kollha biex inrawmu lil uliedna ħalli jitkellmu, jaqraw u jiktbu bil-Malti. Meta nkun il-bandli bit-tfal ikolli okkażjoni biex nisma' kif jitkellmu l-ġenituri ma' wliedhom. Hawn ninnota wkoll li l-Malti qiegħed dejjem jonqos. Ħafna ġenituri Maltin iħossuhom obbligati li jkellmu lil uliedhom bl-Ingliż, għal xi raġuni jħossu li qegħdin jedukawhom aħjar anke jekk xi drabi jagħmlu dan b'Ingliż imfarrak. Ġenituri bħal dawn mhumiex jirrealizzaw li l-ambjent soċjali ta' pajjiżna joffri l-aħjar kundizzjonijiet lingwistiċi sabiex uliedhom ikunu bilingwi bbilanċjati. It-tfal Maltin huma esposti biżżejjed għall-Ingliż fil-media soċjali, fis-sistema edukattiva u fil-ħajja ta' kuljum. Anzi, l-istudji[1] juru li jkun ta' benefiċċju akbar jekk il-ġenituri jkellmu lil uliedhom bil-Malti: meta permezz tal-ġenituri jissaħħu l-ħiliet lingwistiċi tal-lingwa-omm, it-tfal ikunu qegħdin jiġu ppreparati bl-aħjar mod biex eventwalment jitgħallmu l-Ingliż minn bnadi oħra.

Darba Dun Karm kiteb: "Għaliex tarmih l-ilsien li tatek ommok, / u titlef għaqlek wara lsien barrani? / Maltija kienet l-ewwel kelma f'fommok, / u bil-Malti tkellimt tifel daħkani." Jista' jkun li diskors bħal dan idarras lil xi wħud, bħalma darras lil xi wħud fiż-żmien li ġiet ippubblikata l-poeżija. Hemm min iqis dawn il-versi mill-poeżija "Għaliex? Jedd l-Ilsien Malti" bħala espressjoni ta' patrijottiżmu li skada u li issa jidher ixaqleb b'saħħa lejn il-ksenofobiku jew l-intolleranti. Jew inkella jista' jiġi pperċepit bħala parir għaqli fi żmien meta lanqas huwa garantit u ovvju li: "Maltija kienet l-ewwel kelma f'fommok, / u bil-Malti tkellimt tifel daħkani." "L-ilsien li tatek ommok" mhuwiex neċessarjament il-Malti. Għal ħafna tfal il-Malti jibqa' l-ewwel lingwa jew il-lingwa-omm, għal oħrajn sar l-Ingliż minkejja li jkollhom ġenituri Maltin; fil-fatt hawn skejjel privati li fis-snin bikrin saħansitra jibdew jgħallmu l-Ingliż qabel il-Malti.

Il-mogħdija li terraq fiha l-Malti qatt ma kienet ward u żahar. La fi żmien Vassalli, la fi żmien Dun Karm, la fi żmienna u aktarx li lanqas fil-futur. Ir-realtajiet li l-għalliema jħabbtu wiċċhom magħhom fl-iskejjel joffru sfidi li jridu jiġu mgħajxa kuljum. Għandi sħabi jgħallmu fi skejjel fejn il-popolazzjoni tal-istudenti għandha tmenin fil-mija tagħha barranin. Ovvjament f'ambjent

1 "Silencing the Mother Tongue Makes It Harder for Bilingual Children to Learn English" ta' Professor Allyssa McCabe; https://goodmenproject.com/featured-content/silencing-the-mother-tongue-makes-it-harder-for-bilingual-children-to-learn-english.

bħal dan il-lingwa Maltija ma tistax tiffunzjona b'faċilità. Ta' min japprezza l-isforz tal-awtoritajiet sabiex il-Malti jiġi mgħallem lill-barranin kollha. Hekk għandu jkun imma dan m'għandux jiġi fis-seħħ b'detriment għall-kwalità tat-tagħlim tal-lingwa u tal-letteratura Maltija lill-istudenti Maltin, anke jekk dawn ikollhom ġenitur wieħed biss b'ċittadinanza Maltija. Jekk verament nivvalutaw il-ħidma ta' personalitajiet mill-imgħoddi bħal Dun Karm ikun aħjar li mal-monumenti, mal-fjuri u mas-serati letterarji nżidu impenn favur il-kwalità: il-lingwa u l-letteratura Maltija ħaqqhom trattament xieraq, ħaqqhom li jibqgħu jiġu studjati bis-serjetà u bir-reqqa f'kull livell tas-sistema edukattiva Maltija. Inutli li niftaħru li issa se jibdew jgħaddu aktar studenti jekk se nkunu qegħdin inbaxxu l-kwalità tas-suġġetti studjati minnhom. It-tliet rotot proposti fit-tagħlim tal-Malti intenzjonati biex iwasslu għall-istess livell ta' ċertifikazzjoni se jkunu qegħdin inaqqsu drastikament il-komponent letterarju. L-idea li se jiġi offrut "Malti ħafna aktar applikat milli teorija"[2] timplika li l-letteratura Maltija qiegħda tiġi pperċepita bħala xkiel għall-istudenti, idea li fil-fehma ta' nies bħal Vassalli, Aquilina jew Dun Karm żgur li tidher bħala żball oħxon b'riperkussjonijiet serji. Imma Dun Karm u l-oħrajn m'għadhomx magħna; irridu nkunu aħna li nibqgħu nemmnu fil-valur tal-letteratura, valur li huwa prattiku wkoll. Fost "il-ħiliet tas-seklu 21" li tippromwovi s-sistema edukattiva hemm il-litteriżmu, il-ħsieb kritiku, il-kreattività, il-komunikazzjoni, il-kurżità u l-kuxjenza soċjali u kulturali. Meta nifhmu li l-letteratura fl-iskejjel Maltin tista' tkun l-għajn primarja li tiġġenera dawn il-ħiliet tant essenzjali fil-formazzjoni karatterjali ta' wliedna, nibdew napprezzaw aħjar il-valur tagħha. Fil-film brillanti *Dead Poets Society*, John Keating jiġi ppreżentat bħala l-uniku għalliem fil-Welton Academy li rnexxielu jorbot is-suġġett akkademiku tiegħu mal-ħajja personali tal-istudenti. L-istil li bih għallem, tant appella għall-istudenti li dawn iġġennu warajh ... u wara l-letteratura. Darba, spjegalhom hekk

dwar ir-relevanza tal-poeżija: "Ma naqrawx u niktbu l-poeżija għax hi attività ħelwa. Naqraw u niktbu l-poeżija għax aħna membri tar-razza umana. U r-razza umana hija mimlija bil-passjoni. Il-mediċina, il-liġi, in-negozju, l-inġinerija, dawn huma attivitajiet nobbli u meħtieġa biex isostnu l-ħajja. Imma l-poeżija, is-sbuħija, ir-romantiċiżmu, l-imħabba, dawn huma r-raġunijiet għalxiex nibqgħu ngħixu."

Nerġgħu lura għal dak li jolqotna fil-laħam il-ħaj għaliex jikkonċerna s-sitwazzjoni edukattiva f'Malta. Xi drabi ninkwetaw fuq it-tracksuit li ħa jilbsu u fuq l-imsielet li mhux se jilbsu l-istudenti tagħna, u ninsew l-essenzjali.

2 "Il-Malti: 'Mhu qed nagħmlu xejn ġdid... Għaliex qed nitkellmu issa?'" ta' Yendrick Cioffi; http://www.illum.com.mt/ahbarijiet/politika/52111/ilmalti_mhu_qed_nagmlu_xejn_did_galiex_qed_nitkellmu_issa.

Ejja ma naljenawx irwieħna b'dak li hu, litteralment, kożmetiku, u niffukaw fuq l-akbar sfida, u l-aktar imminenti, fil-qasam edukattiv: il-problema fundamentali tan-nuqqas ta' għalliema qed ikollha u se jkollha, fost l-oħrajn, konsegwenza fuq it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel. X'soluzzjonijiet għandna nikkunsidraw? Jekk bħala miżura drastika se jinġiebu għalliema minn barra biex jgħallmu s-suġġetti l-oħra, min se jgħallem il-lingwa u l-letteratura Maltija? Jekk verament għandna għal qalbna dan l-hekk imsejjaħ wirt intanġibbli ma għandniex inħallu f'idejn il-UNESCO biex tieħu ħsiebu. Irridu nkunu aħna bħala nazzjon li nifhmu xi rwol fundamentali għandhom l-għalliema tal-Malti biex fil-futur il-lingwa u l-letteratura tagħna jibqgħu ħajjin. U l-għalliema ma jistgħux jagħmlu dan waħedhom: iridu palata wkoll mill-ġenituri, mill-istituzzjonijiet, mill-mezzi tax-xandir biex dan iseħħ.

L-aħħar punt. Mingħajr ma nneħħi ebda mertu jew nonqos farka mir-rispett kbir li għandi fil-konfront ta' Dun Karm, nissuġġerixxi li tiġi kkunsidrata mill-ġdid l-idea li Malta tiċċelebra kittieba Maltin oħra billi tonorahom ukoll bħala kittieba tan-nazzjon. Fil-bidu tas-sittinijiet, mal-mewt ta' Dun Karm, kien hemm min ippropona li Karmenu Vassallo jkun it-tieni poeta nazzjonali. Qamet polemika, kien hemm min oppona u l-idea mietet fuq ommha. Iktar milli jkollna poeta nazzjonali ieħor, hawnhekk qiegħed nipproponi l-idea ta' "poeta lawreat" kif hemm f'pajjiżi oħra; l-Ingilterra, it-titlu ta' "poeta lawreat" ifisser pożizzjoni onorarja mogħtija għal perjodu speċifiku mill-monarkija fuq parir tal-Prim Ministru. Il-poplu Malti wkoll jista' jiċċelebra b'dan il-mod konkret lill-kittieba lokali, jekk jista' jkun waqt li għadhom ħajjin. B'dan il-mod il-pubbliku ma jibqax jassoċja l-letteratura Maltija ma' personaġġi mejtin biss iżda jibda jħares lejha bħala letteratura ħajja u attiva għax il-kittieba tagħha huma ħajjin u attivi. Dan it-titlu jista' jingħata kull għaxar snin sabiex l-attenzjoni ma tistagħnax b'mod esklussiv u pprivileġġjat fuq persuna waħda u fl-istess waqt jingħata żmien biżżejjed sabiex il-kanonizzaturi letterarji jixtarru sew l-għażliet tagħhom.

Nagħlaq hawnhekk. Kif jgħid Frederick Schlegel: "Il-letteratura hija l-essenza sħiħa tal-ħajja intellettwali ta' nazzjon."[3] Jalla l-poplu tagħna jagħraf il-ħsieb sublimi li kellhom Maltin tal-imgħoddi bħal Dun Karm, il-ħsieb li l-letteratura mhux biss issir parti integrali mill-ħajja kwotidjana tagħna imma li l-letteratura tgħinna nikbru intellettwalment u kulturalment bħala nazzjon.

3 'Literature is the comprehensive essence of the Intellectual Life of a Nation' – Frederick Schlegel. Scott-James, R.A., *The Making of Literature*, Allied Publishers Private Ltd, 1963.



**Dun Karm**

Dun Karm twieled Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru 1871 u tgħallem fl-Iskola tal-Gvern u s-Seminarju. Ġie ordnat qassis fit-18 ta' Mejju 1894 u beda jgħallem fis-Seminarju. Fl-1896 Dun Karm ippubblika l-ewwel ktieb tal-poeżiji tiegħu, *Foglie d'Alloro*, ġabra ta' 37 poeżija bit-Taljan u fl-1903 ħareġ *Versi*, kollezzjoni oħra ta' poeżiji bit-Taljan.

Wara r-riformi ekkleżjastiċi tal-1910 Dun Karm mar jgħix għal żmien twil waħdu fi Triq l-Ifran, il-Belt, fejn għex sal-1936 u wara l-mewt t'ommu kien ispirat b'mod qawwi mis-solitudni li sab ruħu fiha.

Fl-1911 Mons. Pawl Galea u Ġużè Muscat Azzopardi fissru lil Dun Karm il-ħsieb tagħhom li jibdew jippubblikaw ġurnal bil-Malti u ħeġġewh biex jagħti sehmu f'dan il-proġett. Fi Frar tal-1912 dehret l-ewwel poeżija ta' Dun Karm, 'Quddiem Xbieha tal-Madonna' fl-ewwel ħarġa ta' *Il-Ħabib*. Bejn l-1914 u l-1936 ippubblika għadd ġmielu ta' poeżiji, fosthom: 'L-Ewwel Ward' (1914), 'Ward Ieħor' (1920), 'Il-Musbieħ tal-Mużew' (1920), 'Non Omnis Moriar' (1927) u 'L-Oqbra' (1936).

Fl-1921 Dun Karm kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda Kittieba tal-Malti u nħatar it-tieni President tal-Għaqda fl-1928 u kien l-editur ta' *Il-Malti* sal-1942. Fl-1921 Dun Karm sar Assistent Bibljotekarju

fil-Bibljoteka tal-Belt u fl-1924 sar Direttur tal-Libreriji Ċirkulanti. Fl-1922 l-Arċisqof Caruana għamel lil Dun Karm Monsinjur Onorarju tal-Katidral.

L-innu 'T'Adoriam Ostia Divina' (jibda "Nadurawk, ja Ħobż tas-sema") li huwa kiteb fl-1913 xtered mad-dinja kollha bis-saħħa tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. 'L-Innu Malti' miktub minnu tkanta għall-ewwel darba fl-1923 u aktar tard sar magħruf bħala l-Innu Nazzjonali u tniżżel fil-Kostituzzjoni tal-1964 u tal-1974.

Fl-1936 Dun Karm irtira mix-xogħol fil-Bibljoteka, mar jgħix Tas-Sliema u beda jaħdem fuq id-Dizzjunarju Ingliż-Malti mniedi mill-Gvern. L-aqwa xogħol tiegħu, *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* ppubblikah fl-1938. Sentejn wara t-tabib Ġużè Bonnici ġabarlu l-poeżiji fi tliet volumi, *Il-Għana ta' Dun Karm* (1939-40). Fl-1945 l-Università tagħtu l-grad ta' D.Litt (Hon. Causa) u sena wara ħa l-Midalja tad-Deheb Ġużè Muscat Azzopardi.

L-aħħar poeżija li kiteb bil-Malti, bħall-ewwel waħda, iddedikaha lill-Verġni Marija: 'Lill-Madonna tal-Karmnu'. Dun Karm miet fit-13 ta' Ottubru 1961 u jinsab midfun f'kappella fiċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żebbuġ.

Il-poeżiji kollha ta' Dun Karm bil-Malti u bit-Taljan inġabru għall-ewwel darba mill-Prof. Oliver Friggieri: *Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura* (Klabb Kotba Maltin, 1980) u *Dun Karm – Le Poesie Italiane* (Malta University Press, 2007).

DAVID ALOISIO (1979) huwa *senior lecturer* tal-lingwa u tal-letteratura Maltija fil-Junior College tal-Università ta' Malta. Bħalissa, qed jagħmel PhD mal-Università ta' Malta intitolata "Id-Djalettika tal-Kanonu: il-Kuntest Letterarju Malti". Huwa ħa sehem f'konferenzi, kiteb papers u ppubblika kotba relatati mat-tagħlim tal-letteratura Maltija. Fl-2015, rebaħ premju nazzjonali għax-xogħol satiriku tiegħu *Only in Ħal Biżarr* bħala l-aħjar xogħol oriġinali fil-kategorija tal-kotba għall-adolexxenti. L-interessi tar-riċerka tiegħu jiffokaw fuq ir-relazzjoni, ħafna drabi anzjuża, bejn xogħlijiet letterarji u kif huma organizzati, konxjament jew inkonxjament, mill-psike kollettiv f'listi mhux uffiċjali jew inkella f'kanoni letterarji.

DOROTHY BEZZINA għandha għal qalbha l-mużika u l-Malti. Dan l-aħħar għadha kemm temmet l-istudji tagħha fil-grad ta' MA fil-qasam tal-kanzunetta popolari mad-Dipartiment tal-Malti. Hija kisbet ukoll Baċellerat fil-Malti u fl-Ingliż, Diploma Postgradwatorja fl-Interpretazzjoni, u PGCE mill-Università ta' Malta, kif ukoll MA fl-Ingliż mill-Università ta' Nottingham. Serviet ukoll bħala Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi fil-Kumitat tal-Għaqda tal-Malti – Università, u fil-preżent tgħallem il-Malti lil studenti mill-ewwel sal-ħames sena sekondarja fil-Kulleġġ Savio. Dorothy stabbilixxiet ruħha wkoll fix-xena mużikali. Hija tistudja l-vuċi klassika taħt id-direzzjoni tas-Sopran Miriam Cauchi u hija kantanta versatili, bi flessibbiltà li tippermettilha tkanta ġeneri differenti. Ħadet ħsieb id-direzzjoni artistika ta' diversi kunċerti, fosthom 'Dari Niftakar', b'kollaborazzjoni ma' Teatru Manoel, bl-għan li terġa' toħroġ għad-dawl il-lirika li kiteb Gaetano Buttigieg fuq melodiji popolari tal-ħamsinijiet u s-sittinijiet. Ħadet sehem f'diversi kunċerti annwali u kommemorattivi mal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali u l-Valletta International Baroque Ensemble, kif ukoll f'kunċerti privati u serati mużiko-letterarji. Gawdiet ukoll minn numru ta' opportunitajiet barra minn Malta, fosthom fi Spanja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Belġju u r-Royal Albert Hall f'Londra, akkumpanjata mill-Orkestra Filarmonika Rjali.

OLIVIA BORG (1987) kisbet il-gradi ta' B.A. (Unuri) u M.A. fil-Malti mill-Università ta' Malta bit-teżijiet 'Il-Vuċi ta' Mara fil-Poeżija ta' Maria Grech Ganado' (2008) u 'Minn Mary Meylak sa Simone Inguanez: Identitajiet u Perspettivi'(2010); studju kritiku li jistħarreġ diversi xogħlijiet letterarji ta' kittieba nisa. Hija għalliema tal-Malti fil-livell sekondarju u koawtriċi ta' *Personaġġi f'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka ta' Juann Mamo* (2013) flimkien ma' Adrian Grima u Anton Cassar. Hija wkoll awtriċi ta' għadd ta' artikli ta' kritika letterarja li dehru f'pubblikazzjonijiet bħal *Dun Karm: Patrimonju Malti u Żebbuġi* (2012), *Doreen Micallef: Il-Konferenza* (2015), *Potpuri* ta'

Amanda Busuttil (2019), ir-rivista *Il-Malti* tal-Akkademja tal-Malti (2011, 2015) u diversi ħarġiet ta' *Leħen il-Malti* (għadd 32/2013 - għadd 38/2019) tal-Għaqda tal-Malti (Università). Hija membru tal-Akkademja tal-Malti u tal-Għaqda tal-Malti (Università).

MARIO CASSAR, B.Ed. (Hons), M.A. (Maltese), Ph.D. (Maltese Studies) ilu jgħallem il-lingwistika u l-letteratura Maltija fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti tal-Junior College, l-Imsida, sa mill-1995. Bejn l-1992 u l-1994 kien president tal-Għaqda tal-Malti (Università), filwaqt li bejn l-2017 u l-2018 kien president tal-Akkademja tal-Malti. Hu membru wkoll tal-ICOS (soċjetà internazzjonali tal-onomastika). Attenda diversi konferenzi u korsijiet barra minn Malta relatati mal-lingwistika u l-onomastika. Kiteb numru kbir ta' artikli u *papers* akkademiċi f'ġurnali u rivisti lokali u barranin, l-aktar fuq il-letteratura u l-ilsien Malti, iżda anki fuq l-onomastika, l-arti, u ċ-ċinema. Huwa l-awtur ta' *Ir-Reqqa tal-Kitba* (2000), manwal fuq l-ortografija Maltija; u *The Surnames of the Maltese Islands: An Etymological Dictioanry* (2003), ktieb fuq is-sinjifikat u n-nisel tal-kunjomijiet Maltin. Huwa koawtur ta' tliet kotba oħra: *Il-Qari tal-Letteratura* (Malta, 2009), *L'ultima città musulmana: Lucera* (Bari, 2012), u *Dizionario dei cognomi italiani di origine araba* (Pisa, 2017). It-teżi tad-dottorat tiegħi ġġib l-isem *Maltese Surnames: The Sicilian and Italian Connections* (2011, mhux ippubblikata).

MARITA CASSAR twieldet fl-1990 u taħdem fl-Università ta' Malta. Bdiet l-istudji tagħha fl-iskola Primarja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi u fl-iskola Sekondarja ta' Santa Tereża fl-Imrieħel. Hija gradwat B.A. Malti (Hons) fil-Malti fl-2011 mill-Università ta' Malta. Aktar 'il quddiem, hija kisbet il-grad ta' M.A. fil-Malti taħt is-superviżjoni tal-Prof. Oliver Friggieri. Fit-teżi tagħha nkludiet l-ġbir tal-proża bil-Malti ta' Dun Karm u annotazzjoni kritika tat-testi bil-għan li jkun komplut il-kwadru kollu tal-kitba ta' Dun Karm.

JOSEPH VELLA (1967) BA, BA (Hons.), MA (Maltese) huwa Lettur Anzjan fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti fil-Kulleġġ Minuri tal-Università. It-teżi tiegħu għall-kisba tal-Baċellerat bl-Unuri ġġib l-isem *Il-Malti fil-Gazzetti tal-Maltin tal-Eġittu*; u dik għall-kisba tal-Maġisteru fl-Arti msemmija *Proposti għaż-Żamma u l-Iżvilupp ta' Terminoloġija bil-Malti f'Qasam Tekniku Magħżul (Il-Ġeografija)*. Huwa l-awtur ta' għadd ta' ktibiet marbuta mal-istudju tal-Letteratura Maltija, u poeżiji u novelli minn tiegħu inġiebu f'gazzetti u antoloġiji lokali. Huwa ppubblika r-rumanz storiku *L-Eroj li ma Kienx* (2014); u *Studju dwar Il-Monografija ta' Maria Grech Ganado* (2015).

Ħajr lill-Kumitat Festi Nazzjonali fi ħdan Festivals Malta u l-Akkademja tal-Malti.